**PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum il-Hamis, 26 ta' Ottubru, 2000 fid-9.00 a.m.**

**Citaz. Nru: 142/95 VDG**

**Alessandra sive Sandra**
**Mc Monagale qabel Mamo**

**v.**

**Mario Mamo**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attrici, minnha prezentata fl-1 ta' Frar, 1995, li permezz taghha hija ppremettiet:

illi l-partijiet kienu zzewwgu fis-17 ta' Frar, 1980 u dana skond ic-certifikat taz-zwieg (Dok A a fol. 7) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla li dak in-nhar kellha erbatax il-sena li inghatat l-isem ta' Claire u dan skond certifkat tat-twelid (Dok B a fol. 8);

illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani datat 26 ta' Gunju 1986 (Dok C a fol. 9);

illi l-kunsens taghha, cioe` tal-attrici, ghal dan iz-zwieg ma kienx hieles kif ukoll kien ivvizjat bi pressjonijiet familjari u socjali li ammontaw ghall-vjolenza u pressjoni morali kif ukoll biza, u dana kif inhu kontemplat f' Artikolu 19(1) a tenur tal-Att li jirregola z-Zwieg numru XXXVII tal-1975 (kif gie sussegwentement emendat), u dan minhabba il-fatt li l-attrici inqabdet tqila qabel iz-zwieg;

illi l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali kommessa mill-konvenut versu l-attrici;

illi l-kunsens tal-konvenut ghall dan iz-zwieg kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha kif ukoll b' anomalija serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess dan kollu, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandiex:

(1) tiddecidi u tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat li l-konvenut baqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet is-xhieda; semghet ukoll lid-difensur tal-attrici fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2000;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza gew prodotti biss tlett xhieda: l-attrici, li xehdet fit-28 ta' Jannar, 1998; ommha, li xehdet fis-6 ta' Novembru, 1998; u l-konvenut, li xehed fil-5 ta' Mejju, 2000.

L-attrici qed tallega zewg affarijiet: li l-kunsens taghha kien vizzjat fis-sens kif imfisser fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, u dan kemm minhabba li inqabdet tqila qabel iz-zwieg, kif ukoll minhabba vjolenza "sew fizika sew morali" minn naha tal-konvenut fil-konfront taghha; u, fit-tieni lok, qed tallega li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-imsemmi subartikolu.

Kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrisulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija

presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara, ***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri***, P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (***Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt***, P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, ***Jacqueline Cousin v. Bernard Simler***, P.A., 3/6/98; ***Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar***, P.A. 19/10/98; u ***Carmelo Grima v. Mary Andrews***, P.A., 2/11/98).

Jinghad bla tlaqliq li l-attrici b'ebda mod ma irnexxilha tipprova li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali il-kunsens tal-konvenut kien b'xi mod affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif aktar 'l fuq imfisser. Il-fatt li l-partijiet, wara xi tlett snin li kienu ilhom jinnamraw, izzewgu malajr minhabba li hi harget tqila, kif ukoll il-fatt li ftit xhur wara c-celebrazzjoni taz-zwieg beda l-inkwiet bejniethom li eventwalment wassal ghas-separazzjoni, ma jistax iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi, anqas fuq bazi ta' probabbilita`, li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat kif qed tallega l-attrici. Kawza ghal annullament ta' zwieg tirrikjedi, biex tirnexxi, provi cari u mhux semplici generalizzazzjonijiet dwar l-imgieba ta' parti jew ohra.

Kwantu ghall-allegata vjolenza – fizika jew morali – ezercitata mill-konvenut fil-konfront tal-attrici qabel iz-zwieg, din ukoll ma giet b'ebda mod pruvata. Fid-deposizzjoni taghha, pero`, l-attrici qalet li meta hija harget tqila, ommha rrinfaccjata b'ghazla: jew tmur barra biex tabortixxi jew tizzewweg (fol. 37). Omm l-attrici, izda, fid-deposizzjoni qasira taghha (fol. 46 u 47) tghid li kien missier l-attrici li riedha tabortixxi u li kellu l-hsieb li jsifirha l-Ingilterra ghal dan il-fini, mentri hi (l-omm) ma ridithiex taghmel hekk u minflok hajjritha biex tidhol ghaz-zwieg (fol. 46). Dan il-konflitt necessarjament inissel dubbju serju f'mohh dina l-Qorti dwar kemm verament kien hemm din l-istedina ghal, jew suggeriment ta', abort.

Il-konvenut, minn naha tieghu, qal li hadd ma sforza lilu u lill-attrici biex jidhlu ghaz-zwieg (fol. 67, 78). Dwar din il-kwistjoni tal-allegat abort l-attrici kompliet hekk fid-deposizzjoni taghha:

"Mistoqsija mill-Qorti jekk fil-fatt meta jien ghidt lil ommi li ma rridx nikkommetti abort, jekk fil-fatt ommi heddietx li ssawwatni jew inkella tkeccini 'il barra fit-triq, jew inkella taghmilli xi haga ohra, jien nghid li ommi ma hedditni xejn minn dan. Semplicement kienet poggiet quddiemi zewg ghazliet. Wahda li naghmel abort, li jien kont irrifjutajt, u l-alternattiva l-ohra kienet fil-fatt nizzewweg. Jien ghazilt it-tieni alternattiva. Hi qatt ma qaltli li jekk ma nizzewwigx kienet ser titfaghni f'nofs it-triq. La missieri u lanqas ommi qatt ma qaluli xi diskors fis-sens li jekk ma nizzewwigx, kien ser ikun hemm xi konsegwenzi serji ghalija. Fi kliem iehor jiena zzewwigt ghaliex ommi poggiet quddiemi zewg alternattivi, zewg proposti, u jien ghazilt wahda minnhom. Lanqas minn naha ta' Mario qatt ma kien hemm ebda forma ta' theddid jew *pressure* biex nizzewgu. Anzi nista' nghid li ma' Mario bilkemm konna niddiskutu z-zwieg. Jien deherli li ghandi naghmel dak li tghidli ommi, ghalkemm jien ma xtaqtx nizzewweg. Ghandi nghid li jien u ommi konna *close* hafna. Ma niftakar ebda okkazzjoni illi fiha ommi qatt uzat xi vjolenza fuqi jew inkella refghet idejha fuqi. Jien lil ommi qatt ma naf li kkontrarjajtha f'xejn, 'il ghaliex konna ningiebu hafna. Dejjem kont noqghod ghall-parir li taghtini hija. Mistoqsija minn Dr. Leslie Cuschieri jekk jien qattx hsibt x'seta' jigri jekk jien ma naccettax la l-opzjoni tal-abort u lanqas dik li nizzewweg, jiena nghid li lanqas biss ghaddieli minn rasi li nahseb fuq sitwazzjoni bhal din. Jien diga ghidt, kelli zewg alternattivi u ghazilt wahda minnhom. Anke wara z-zwieg jien u ommi bqajna *close* hafna. Ghadna *close* sal-lum" (fol. 41-42).

Ghalkemm omm l-attrici, fid-deposizzjoni taghha, tghid "Jien kont sfurzajtha biex hija tizzewweg u fil-fatt hija fl-ahhar qablet mieghi" (fol. 46), l-istampa li din il-Qorti tara li temergi mill-provi – u jekk wiehed jassumi li verament kien hemm il-proposta tal-abort – hi li meta l-attrici harget tqila xi hadd issuggerilha l-possibilita` ta' abort, proposta li hija gustament rrifjutat. Ommha, pero`, insistiet maghha biex flok titgharras tghaddi mill-ewwel ghaz-zwieg (ara d-deposizzjoni tal-konvenut, fol. 67), u l-attrici, minkejja certa riluttanza, qaghdet fuq il-parir ta' ommha, u <u>iddecidiet</u> li tizzewweg. A bazi tal-provi – ftit provi – li ghandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi, anqas fuq bazi ta' probabbilita`, li din id-decizjoni li tizzewweg ittiehdet, jew li l-kunsens matrimonjali taghha inkiseb, "bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza". Kif gie spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet ***Carmel sive Charles Camilleri v. Teresa Camilleri***, il-biza' li

titnissel mill-vjolenza morali trid tkun ta' certa portata b'mod li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz dik il-biza' tkun mhux semplicement akkumpanjat il-kunsens matrimonjali izda tkun iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens (ara wkoll, ***Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt***, ga citata, u ***Samuela Lea Pavia v. John Pavia***, P.A., 20/5/96). Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li, ghalkemm kien hemm l-istat ta' gravidanza mhux mistennija – gravidanza li, fl-isfond socjali ta' pajjizna, setghet kienet ukoll xi ftit imbarazzanti – ma jirrisultax li xi hadd, direttament jew indirettament, ezercita tali pressjoni fuq l-attrici li nissel fiha biza` li ddetermina kompletament l-ghoti tal-kunsens taghha. Fi kliem iehor, hi zzewget ghax ghazlet li tizzewweg, minkejja l-pressjonijiet jew suggerimenti li seta' kien hemm.

Ghall-motivi premessi, tiddeciedi dwar it-talba attrici billi tichad l-istess talba. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-attrici.